**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 12/IX/2025**

**It-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**12.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**12.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

12.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**12.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 11 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

12.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

12.3.3 Il-membru Buttigieg ġibed l-attenzjoni rigward nota 11.4.3. Qal li jaqbel mal-membru Schembri rigward ir-resistenza li kien hemm mir-residenti. Pero' qal li Schembri ried jgħid ukoll li hu kien mar miegħu biex jiġi mmarkat fejn għandu jeħel l-arblu tad-dawl li miegħu għandhom jgħaddu l-*wires* tal-kameras. Il-Kunsill nefaq il-flus għalih dan l-arblu. Kienu diġa' tpoġġew tlett arbli oħra xhur qabel u kien baqa' l-aħħar arblu.

12.3.4 Schembri qal li kull darba li l-kuntrattur kien imur, kien iċempillu biex imur fuq il-post, minħabba r-resistenza kbira li kien ikun hemm minn residenti. Żied li meta twaħħal l-aħħar arblu jiddubita kienx għadu Sindku, pero' jaf li dan kellu jitpoġġa.

12.3.5 Buttigieg qal li dan tpoġġa mill-kuntrattur tal-kameras.

12.3.6 Schembri qal li kien intalab ukoll biex ipoġġih Richard Cauchi, il-kuntrattur tad-dawl ta' dakinhar, pero' m'għandux amment meta tpoġġa eżatt. Qal ukoll li kien hemm erba' kameras jaħdmu u riċentement tnejn minnhom intfew u mhux minn naħa tal-Kunsill.

12.3.7 Rigward l-istess minuta 11.4.3, fejn tkellem il-membru Debrincat, Buttigieg qal li hu ser jibqa jikteb fuq *Facebook* u tenna li l-membru Debrincat qal fuq u kontra kull Sindku u membri tal-Kunsill inkluż kontra eks-Sindki. Billi Debrincat ma kienx preżenti f'dan il-ħin tal-laqgħa, Buttigieg qal li kieku kien preżenti xorta kien jgħidlu f'wiċċu. Tenna li hu mhux faċċol, ġakbin u lagħqi bħal membru Debrincat li jerdgħa wkoll mill-Kunsill.

12.3.8 Hawnhekk is-Sindku intervjena u qallu jelimina l-aġġettivi negattivi li kien qed juża.

12.3.9 Buttigieg kompla u qal li fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Victoria Hotspurs fl-attivita' li saret fi Pjazza Indipendenza fl-l ta' Mejju, 2025, is-Sindku ħa żball għax hu ma jiddeċidix għal dan il-klabb. Tenna li l-istedina xorta riedet tintbagħat lill-klabb.

12.3.10 Is-Sindku qal li l-attivita' saret biex klabbs tal-futbol tar-Rabat jorganizzaw attivitajiet li t-tfal tan-*nurseries* tagħhom. Victoria Hotspurs F.C. ilhom snin twal bla *nursery* u li kieku sa dakinhar tal-attivita' kellhon *nursery*, kienet tintbgħat l-ittra. Dan ġie vverifikat ukoll maż-żewġ assoċjazzjonijiet tal-futbol, il-GFA u l-MFA.

12.3.11 Il-Viċi Sindku qal li naqblu fuq il-prinċipju li ser ikun hemm *nursery* ffurmata mill-Victoria Hotpsurs.

12.3.12 Is-Sindku intervjena u qal li ma nistgħux naqblu fuq x'ser ikun hemm fil-futur u li kieku qabel l-1 ta' Mejju, 2025 kien hemm *nursery* tal-Hotspurs, kienu jiġu mistiedna. Ħafna paroli seta' ġie evitat għax kollox ġie diskuss u d-deċiżjoni kienet unanima.

12.3.13 Buttigieg insista li xorta messa ntbagħtet li l-ittra.

12.3.14 Is-Sindku qal li x'messna għamilna kellu jiġi diskuss waqt laqgħa tal-Kunsill qabel l-avveniment, imma Buttigieg kien iddeċieda li jitlaq mill-laqgħa.

12.3.15 Il-membru Debrincat daħal fil-kamra.

12.3.16 Buttigieg qal li xogħlu hu li jikxef il-gideb u s-Sindku lanqas attenda għal stedina li saritlu mill-Victoria Hotspurs F.C. meta ġie inawgurat il-klabb.

12.3.17 Is-Sindku tenna li kellu mpenn familjari u għalhekk m'attendiex. Qal li hu jattendi biss fejn hu stmat.

12.3.18 Buttigieg akkuża lill-membri nkluż sħabu tal-istess partit u dar fuq il-membru Debrincat, li issa kien preżenti u qallu l-istess diskors li kien għadu kif qal fuqu xħin ma kien preżenti.

12.3.19 Debrincat qal li wara dak li Buttigieg kiteb fuq *Facebook*, residenti staqsewh jekk hu vvutax kontra li jiżdiedu l-kameras f'taċ-Ċawla. Hu qalilhom li din kienet deċiżjoni tal-Kunsill. Qallu li hu messu qagħad preżenti waqt il-laqgħa kollha biex joġġezzjona li ma jiżdiedux il-kameras.

12.3.20 Buttigieg qam u telaq mill-kamra.

12.3.21 Debrincat qal li x'ħin Buttigieg kiteb fuq *Facebook*, kiteb fuq kulħadd. Tenna li hu dejjem kien rett u qatt ma qal kliem mhux f'loku. Talab biex Buttigieg jiġi rrappurtat lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali peress li dejjem jitlaq wara nofs siegħa mill-laqgħa tal-Kunsill. Il-membri qablu.

12.3.22 Daħlet il-membru Abela għal-laqgħa. Skużat ruħa għax kellha laqgħa oħra qabel tax-xogħol tagħha li damet iktar milli previst.

**12.4 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

12.4.1 Mozzjoni numru 3 ma ġietx imressqa peress li l-proponent telaq mill-laqgħa.

12.4.2 Mozzjoni numru 4 ġiet imressqa mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 4**

**Qed inressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill biex jibda' l-proċess ta' ġemellaġġ mal-Belt ta' Jerez de la Frontera fi Spanja, Belt kandidata bħall-Belt Victoria, għall-Belt Kulturali Ewropeja 2031.**

Ġiet issekondata mill-membru Tabone.

Is-Sindku qal li permezz ta' Fabian Galea, impjegat *part-time* tal-Kunsill u s-Sur Patrizio Pérez Pacheco minn din il-Belt, li jżur ħafna lil Għawdex, nbeda l-kuntatt ma' Jerez de la Frontera wara li huma talbu uffiċjalment biex isir il-ġemellaġġ. Jerez de la Frontera huma wkoll applikanti għall-Belt Kulturali Ewropeja 2031 fi Spanja. Dan għandu jsaħħaħ l-applikazzjoni taż-żewġ bliet speċjalment jekk ikun inkluż fil-*bid book* li jitħejja minn kull Belt li tkun taspira għat-titlu. Minn naħa tal-ispanjoli nġabu fondi Ewropej għal dan il-ġemellaġġ u ser isiru 4 żjarat. L-ewwel waħda fil- bidu t'Ottubru li ġej, fejn il-Kunsill mistieden jieħu 25 persuna. Dawn ikollhom €310 mħallsa mill-fond tal-ġemellaġġ. F'Novembru 2025 mistennija jiġu l-ispanjoli f'Għawdex u fi Frar 2026, il-Kunsill irid jieħu rappreżentanza tajba mir-Rabat fejn jiġi ffirmat il-ġemellaġġ fi Spanja. Fir-Rabat imbagħad jiġi ffirmat fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju 2026.

Is-Sindku ssuġġerixxa li billi l-ispejjeż tal-membri tal-Kunsill ma jistgħux ikunu iffinanzjati mill-fond, allura jipproponi li f'Ottubru jitilgħu żewġ Kunsilliera miegħu, Fabian Galea u żewġ impjegati mill-Kunsill. It-tlieta tal-aħħar jiġu nklużi mal-grupp peress li mhumiex politiċi. Propona wkoll li żewġ membri mill-NGOs Rabtin jipparteċipaw fiż-żjara ta' Ottubru. Imbagħad fi Frar, jista' jitla' l-Kunsill kollu. Il-membri qablu. Wara li saret polza bejn il-membri preżenti, il-membri Schembri u Tabone telgħu biex jirrappreżentaw lill-Kunsill mas-Sindku fl-ewwel żjara t'Ottubru 2025.

12.4.3 Mozzjoni numru 5 ġiet imressqa mill-membru Debrincat.

**Mozzjoni Numru 5**

**Permezz ta' din il-mozzjoni li qed inressaq lill-Kunsill, qiegħed nitlob li l-piċċ tal-boċċi fl-*area* taċ-Ċawla, jiġi rranġat bi *playing field* u *soft area*, minħabba li jinsab fi stat żdingat. Jidher li t-taħdidiet li kien hemm mal-Ministeru għal Għawdex rigward din l-*area* ma tkomplewx u għaldaqstant qiegħed nitlob li aħna, bħala Kunsill nieħdu dan il-proġett f'idejna u nitkellmu ma xi entitajiet (bħas-Segretarjat tal-Kunsilli Lokali) biex ikunu jistgħu jgħinuna nagħmlu dan il-proġett.**

Ġiet issekondata mis-Sindku.

Il-membri qabli mal-mozzjoni u qablu li l-Kunsill jibda billi jistaqsi lid-Direttorat Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, jekk għadx għandu l-ħsieb li jiżviluppa dan il-post. Dan il-piċċ hu devolut lill-Kunsill u l-Kunsill kien ta l-kunsens lil dan id-Direttorat sabiex jiżviluppah.

## 12.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

12.5.1 talab materjal lid-Direttotat Eko-Għawdex sabiex jitgħattew il-konok tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza biex dawn ma jibqgħux perikolużi. It-talba ġiet aċċettata u ser jiġi offrut żrar u ċagħaq abjad apposta. Dan għandu jitpoġġa b'siment abjad biex ma jinsteraqx;

12.5.2 ġew installati l-kameras madwar il-Banca Giuratale minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar;

12.5.3 intalab *litter bin* ieħor fuq il-latrina tal-irġiel fi Pjazza Indipendenza, mingħand id-Direttorat Eko-Għawdex;

12.5.4 intalab ukoll lil dan id-Direttorat sabiex il-latrina tal-irġiel tat-Tokk tinqala mill-qiegħ u jsir *extractor fan* peress li din tinsab taħt l-art;

12.5.5 dwar il-folk festival li sar f'Kucevo fis-Serbia. F'dan il-festival ipparteċipa l-Aurora Folk Group u l-Kunsill kien rappreżentat mis-Sindku u mill-membru Debrincat. Is-Sindku qal li kellhom laqgħa mas-Sindku ta' Kucevo fejn wera x-xewqa li r-rabta ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet tikber u bil-possibilita' ta' ġemellaġġ. Is-Sindku ta' Kucevo għandu l-intenzjoni li jżur Għawdex f'Ottubru meta jkun hawn l-Aurora International Folk Festival. F'kas li jiġi, l-membri qablu li jiġi milqugħ kif hu laqa d-delegazzjooni Rabtija.

## 12.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

12.6.1 l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Akwadott ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II ġie nkluż fil-Lista ta' Propjeta' Skedata skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-pjanar tal-Iżvilupp;

12.6.2 l-ERA dwar nominazzjonijiet għall-ERA Awards 2025;

12.6.3 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward is-sejħa tal-espressjoni ta' interess għal inizjattivia "Minn Pjazza għal Pjazza". Il-Kunsill ma ġiex magħżul;

12.6.4 is-Surġent tal-*Community Police* fejn wara li tressaq rapport minn resident, għamel spezzjoni fi Triq il-31 ta' Marzu mmirata fuq vetturi pparkjati li jkunu għat-tiswija għand mekkanik li jgħix fil-qrib. Dawn jieħdu l-maġġoranza tal-parkeġġi ta' din it-triq. Is-Surġent qal li ma kienx hemm vetturi pparkjati illegalment. Tenna li l-ispezzjonijet ha jkunu ta' spiss;

12.6.5 ic-Chairman tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki (FMVA) fejn għarraf lill-Kunsill li l-Vintage Motors Festival li jmiss isir f'Għawdex ser isir fit-12 t'Ottubru, 2025. Is-Sindku qal li l-ftehim kien li dan isir mal-attivita' li ssir fi Pjazza Indipendenza fl-aħħar Ħadd ta' Settembru qabel tibda l-iskola. Il-membri qablu li l-FMVA għandha tiġi nfurmata b'dan.

12.6.6 resident u sid ta' ħanut fi Pjazza Indipendenza li għandu l-karta tal-identita' rreġistrata fl-istess pjazza. Talab li jkollu l-permess tal-*un/loading* fuq it-tlett vetturi li għandu rreġistrati fuq dan l-indirizz. Il-membri qablu li dawn għandhom jinħarġu la l-vetturi rreġistrati fi Pjazza Indipendenza.

## 12.7 Immaniġġjar tat-traffiku

Transport Malta (TM) ħarġet permess għall:-

12.7.1 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Hacienda', Triq Ġuże' Ellul Mercer;

12.7.2 *double yellow line* fil-kantunieri ta' Triq Sir Paul Boffa ma' Triq Għajn Qatet;

12.7.3 *yellow line* quddiem 'Classico' fi Triq Palma.

12.7.4 TM bagħtet korrispondenza fejn ġie suġġerit li ssir *road hump* oħra fit-tarf ta' Triq Pompei n-naħħa ta' Triq Għajn Qatet. Il-membri qablu li kif isir is-soltu, tintbagħat ittra lir-residenti li quddiemhom ser issir ir-*road hump* sabiex jagħtu l-veduti tagħhom jekk jaqblux li ssir jew le;

12.7.5 Rigward it-tneħħija tal-*open-top buses* u *coaches* minn Salib it-Toroq 'il fuq TM qed tiddiskuti din il-possibbiltà' internament u wara jkunu jistgħu jitolbu laqgħa mal-operaturi u l-Kunsill.

12.7.6 Intbagħtet applikazzjoni għal *un/loading bay* biswit il-ħanut 'Newline' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

12.7.7 Tressqet korrispondneza mingħand residenta fi Triq Qasam San Ġorġ. Qed tissuġġerixxi li jsiru *rumble strips* f'din it-triq peress li qed ikun hemm sewqan b'veloċita' eċċessiva. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

12.7.8 It-tieni resident li kien kiteb sabiex Triq Vajringa tkun miftuħa għar-residenti minn naħa ta' Triq Enriko Mizzi kiteb lill-Kunsill u qal li ma jaqbilx mal-Perit ta' TM fir-rigward tar-rapport li sar fuq din it-triq. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni u qal li l-Kunsill għandu jieħu parir legali biex jara jekk TM għandiex raġun tgħid li l-Kunsill ikun responsabbli jekk tinbidel id-deċiżjoni u jibqa' jinsisti biex Triq Vajringa tinfetaħ għar-residenti minn naħa ta' Triq Enriko Mizzi. Il-membri qablu.

12.7.9 Inġibdet l-attenzjoni biex jerġa jinżebaħ bl-iswed parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' li m'għadux jintuża u li jinsab fi Triq Sant' Ursola ma' Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

12.7.10 Inġibdet l-attenzjoni sabiex titneħħa *un/laoding bay* quddiem ħanut li jkun dejjem magħluq.

**12.8 *Playing Field – update***

12.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-preparamenti fir-rigward tal-BOQs daqt jiġi konklużi. Il-Perit lesta x-xogħol tiegħu u l-Enġinier qed jikkonkludi. Malli jkunu lesti, ssir preżentazzjoni quddiem il-Kunsill u wara tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-fondi tal-proġett.

**12.9 Proġett Pjazza Santu Wistin – *update***

12.9.1 Il-BOQs tal-proġett ta' Pjazza Santu Wistin għadhom qed jinħadmu u wara li ssir l-laqgħa mas-Sovrintendeza għall-Wirt Kulturali tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**12.10 Jum il-Belt Victoria**

12.10.1 Il-membri ġew mgħarrfa li ntbagħtu l-inviti.

12.10.2 Il-palk ser jinġab u jintrama b'xejn minn naħa tal-ħaddiema tat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

12.10.3 Intalbu kwotazzjonijiet għad-dawl, tinda u *sound* u ser jitqabdu Chris Gauci, JohnPaul Zerafa u ProStage rispettivament.

12.10.4 Il-membri qablu li l-*book launch* tal-ktieb 'The Gozo Airfield' miktub minn Charles Bezzina, ssir bl-Ingliż, nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju, 2025 fis-19:30 fil-Banca Giuratale.

**12.11 Offerta – Servizz ta' Knis**

12.11.1 Tressaq ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-offerta tal-knis – VLC/07/2024. Il-bord qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lill-orħos offerant li hu MJ.

12.11.2 Il-membri qablu li qabel tingħata l-offerta dan il-kuntrattur għandu jitkellem mal-Kunsill fejn anke' jipprovdi d-dokumenti oriġinali li kienu rikjesti fl-offerta.

12.11.3 Sadanittant il-kuntrattur preżenti u li għandu l-kuntratt magħluq intalab sabiex ikompli bis-servizz. Hu aċċetta, pero' propona li billi l-kuntratt skada, jkollu ħlas apparti li jkopri l-ispejjeż tat-tindif tal-festi. Għaż-żewġ festi dan jammonta għall-€5,000. Il-membri qablu li ma hemmx triq oħra għajr li jsir hekk. Dan biex jiġi evitat kull riskju li ma jkunx hemm tindif adekwat fiż-żewġ festi li huma fil-qrib.

12.11.4 Tressqet korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex fejn ingħataw dettalji rigward ġbir ta' skart *extra* fil-lokalitajiet tar-Rabat, il-Munxar u ż-Żebbuġ. Nħarġet skema fejn ser jingħataw sa massimu ta' €2,500 fuq spejjeż addizzjonali ta' ġbir ta' skart illegali.

**12.12 Pjazza San Ġorġ**

12.12.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa ma' rappreżentati mill-isptar rigward il-mgħoddija tal-ambulanza f'każi t'emerġenza fl-inħawi ta' Pjazza San Ġorġ. Dan wara li seħħ inċident li kważi kien fatali u dehru filmati fuq il-medja soċjali fejn l-ambulanza ma setgħetx tgħaddi qalb il-merkanzija ta' Triq San Ġużepp u l-imwejjed u s-siġġijiet ta' Pjazza San Ġorġ.

12.12.2 Wara din il-laqgħa il-Kunsill irċieva talba sabiex minn naħa tal-isptar jitpoġġa *sounder* u *beacon* fl-akwati. Dan jiġi skattat kull darba li jkun hemm sejħa għall-ambulanza f'din l-*area*. B'hekk jekk ikun hemm merkanizija jew imwejjed u siġġijiet ikunu jistgħu jitneħħew fil-ħin u l-ambulanza jkollha t-triq libera qabel tasal.

12.12.3 Is-Sindku beda u qal li din l-alarm taġevola l-ambulanza pero' minn naħa l-oħra jekk titpoġġa l-alarm wieħed qisu qed jgħid lill-bejjiegħa li jistgħu joħorġu merkanzija jew mwejjed u siġġijiet kemm iridu.

12.12.4 Il-Viċi Sindku qal li jaqbel ma din il-proposta pero' jaħseb li iktar ħa tkun skuża biex il-bejjiegħa jagħmlu li jridu. Qal ukoll li kemm ilhom li twaħħlu l-marki tal-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ, il-problema iktar kibret fejn hemm ir-ristoranti tal-bokka ta' Triq Karita'. Dan peress li m'hemmx lok għall-imwejjed u s-siġġijiet imma xorta qed ikunu armati. Il-prinċipju tal-alarm jaqbel miegħu minħabba li s-sidien tal-ħwienet u ristoranti involuti huma arroganti.

12.12.5 Il-membru Debrincat qal li jaqbel mal-alarm peress li jżomm lil kulħadd għall-alert. Jinsisti li l-infurzar għandu jibqa' jkun tas-spiss.

12.12.6 Il-membru Abela taqbel u qalet li l-alarm mhux ser tkun għal tal-ħwienet biss iżda wkoll għan-nies.

12.12.7 Il-membru Schembri qal li jaqbel iżda l-Kunsill għandu jagħmilha ċara li din mhux qed issir biex nagħtu lok li dak li hu illegali jiġi legali.

12.12.8 Il-Viċi Sindku żied li jaqbel li l-infurzar jibqa' jsir regolari u ssuġġerixxa li tintbagħat email lill-Awtorita' tal-Artijiet fejn il-Kunsill jipproponi li ssir ronda kull ġimgħa mill-Enforcement Unit tagħhom fir-Rabat in ġenerali. Il-membri qablu.

12.12.9 Is-Sindku kkonkluda u qal li d-deċiżjoni hi li l-membri kollha qed jaqblu mal-alarm proposta u dan għax il-prijorita' hi s-saħħa tan-nies. Xorta m'hemmx garanzija li ser ikun hemm l-iżgombru immedjat meta tissejjaħ l-ambulanza. Hu jiddispjaċih li s-sitwazzjoni kellha tasal s'hawn. Is-Sindku qal li s-CEO tal-Isptar għandha tiġi nfurmata li l-Kunsill jaqbel unanimament li tiġi nstallata forma t'*alarm* fl-*area* ta' Triq San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ. Tenna li l-Kunsill għandu juri l-apprezzament tiegħu peress li s-sitwazzjoni fir-rigward ta' infurzar mill-Pulizija u l-Gwardjani Lokali tjiebet f'dawn l-aħħar ġimgħat.

**12.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

12.13.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Ġunju 2025, skont dokument A anness.

**12.14 Xogħolijiet oħra**

Il-membri ġew mgħarraf li:-

12.14.1 daħlu €732.36 mill-fond LESA li jkopri l-ispejjeż tas-servizz tal-Pulizija li sar fl-attivita' 'Kids in the City' li saret fl-1 ta' Mejju, 2025;

12.14.2 ġiet sottomessa l-applikazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2025;

12.14.3 ġiet sottomessa l-applikazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Karnival 2026.

Il-membri qablu li:

12.14.4 jiġu approvati l-arretrati taż-żewġ *Assistant Principals* li jaħdmu fil-Kunsill. Dawn tad-differenza li kien hemm meta żdiedu fl-iskala u li skont il-ftehim kollettiv suppost nbdew mit-tielet *notch* u mhux mill-ewwel *notch*.

12.14.5 l-Kunsill jgħin fil-loġistika biex tittella’ l-opra ‘Turandot’ li ser issir f’Mejju 2026 fit-Teatru Astra mill-Fundazzjoni Classique. M’għandiex tinqabeż s-somma ta’ €1,000;

12.14.6 l-Kunsill jippreżenta *trophies* lit-tfal tal-Oratory Youths Football *nursery* fl-End-of-Season Presentation Event. M’għandiex tinqabeż s-somma ta’ €300;

12.14.7 l-Kunsill ma jaqbiżx l-ispejjeż b’iktar minn €500 għal-Folk Festival ta’ Kucevo fis-Serbia.

12.14.8 Dwar l-offerta tal-installazzjoni ta’ *CCTV cameras* tressaq ir-rapport li sar mill-kuntrattur li ħa l-offerta. Il-kameras ser isiru fi Triq Palma, mal-*Bus Terminus* u fi Triq Fortunato Mizzi. Skont ir-rapport ta’ Triq Palma ma tistax issir bis-*solar panel* peress li ma taħkimx xemx il-ħin kollu. Il-membri qablu li ssir bid-dawl. Sadanittant intalbet estensjoni oħra mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali peress li dawn huma koperti mill-fondi approvati minn SPI/SCI/4/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati.

12.14.8 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-problema tal-ħamiem fit-toroq Vajrinġa, Kapuċċini u Pjazza Santu Wistin. Il-membri qablu li jintalbu l-permess neċessarji biex jitpoġġa l-għalf li jnaqqas iż-żieda tal-ħamiem fuq l-iskola tal-Vajrinġa, l-għassa tar-Rabat u fuq l-Oratorju Don Bosco. Dawn biex ikopru l-postijiet imsemmija. Għandha tinġab stima ta’ kemm dawn jiġu jiswew sabiex ikun hemm min jieħu ħsieb li jsir l-għalf minn żmien għal żmien.

**12.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f’nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar ’il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 7 ta’ Lulju, 2025.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |